**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgħa 30 ta' Diċembru 2009**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal Taqsima A kif ukoll għal Taqsima B huwa ta' tliet sigħat)**

## Taqsima A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tħejji l-atti meħtieġa u motivati għal:

1. (a) talba għat-tħassir ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u s-smigħ mill-ġdid ta' kawża (ritrattazzjoni) minħabba applikazzjoni ħażina tal-liġi (art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili); u (b) talba għat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata sakemm idumu għaddejjin il-proċeduri ta' ritrattazzjoni.

2. kawża għall-firda personali bejn il-miżżewġin li għandhom ulied minorenni; il-klijenta tiegħek hija l-mara.

3. (a) tweġiba għal rikors maħluf li fih qiegħed jintalab illi l-klijent tiegħek bħala kerrej jiġi kundannat iħallas arretrati ta' kera; u (b) rikonvenzjoni b'kontro-talba biex l-attur bħala sid il-kera jagħmel tiswijiet fil-fond mikri.

4. (a) ittra uffiċjali għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq biex jinkiseb titolu esekuttiv taħt l-art. 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u (b) ittra uffiċjali biex issejjaħ lil min għamel wegħda ta' bejgħ ta' immobbli lill-klijent tiegħek sabiex jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ.

5. talba minn komproprjetarji li flimkien għandhom aktar min-nofs tal-valur tal-ishma biex tinbigħ proprjetà komuni taħt l-art. 495A tal-Kodiċi Ċivili.

6. rikors ta' appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex il-klijent tiegħek, li nstab ħati ta' żewġ imputazzjonijiet u mhux ħati ta' żewġ imputazzjonijiet oħra, jappella mis-sejbien ta' ħtija dwar waħda miż-żewġ imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati.